MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 196/2002/1

**Odette Farrugia**

**vs**

**Bernard Fenech**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-24 ta’ Settembru 1994 wara li kienu ilhom johorgu flimkien ghal tliet snin.

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal u huma fil-fatt isseparaw permezz ta’ kuntratt fl-atti tan--Nutar Marco Farrugia fit-12 ta’ Ottubru 2000.

Illi l-konvenut eskluda pozittivament wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u *inoltre* l-konvenut ma kellux diskrezzjoni sufficjenti sabiex jaghti kunsens validu;

Illi kien hemm certu aspetti fl-agir tal-konvenut li hargu biss wara z-zwieg li kieku l-attrici kienet taf bihom ma kinetx taghti l-kunsens taghha.

Illi ghalhekk l-att taz-zwieg fuq imsemmi huwa null u bla effett a tenur tal-**artikoli 19 (1) (b), (c), (d), (f) u (g) tal-Kap 255.**

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-att taz-zwieg bejn il-kontendenti Ii gie ccelebrat fil-24 ta' Settembru 1994 huwa null u bla effett a tenur tal-**artikolu 19 tal-Kap 255**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa li:-

1. Illi huwa ma jopponix ruhu ghat-talba tal-attrici sabiex jigi dikjarat li z-zwieg bejn il-kontendenti li gie ccelebrat fil-24 ta' Settembru 1994, jigi dikjarat null u bla effett.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut a fol.12 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju 2002 fejn inghata digriet tal-affidavits tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Ottubru 2002;

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha, ta’ Mary Farrugia, ta’ Joseph Farrugia, ta’ Nadia Spiteri u ta’ Gertrude Spiteri;

Rat in-nota ta’ Bernard Fenech li permezz taghha pprezenta l-affidavits tieghu, ta’ Albert Fenech u ta’ Matilde Fenech;

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A. TALBA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fl-24 ta’ Settembru 1994 jigi dikjarat null u bla effett *stante* li hija qed tallega li z-zwieg hu null minhabba li l-kunsens taghha kien eskluz minhabba zball fuq l-identita’ tieghu; wkoll li l-kunsens inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga; kif ukoll li l-kunsens taghhom kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll li l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u fl-ahharnett li l-kunsens ta’ wahda mill-partijiet kien marbut ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

### B. ECCEZZJONIJIET

Illi l-konvenut eccepixxa li hu ma jopponix ruhu ghat-talba tal-attrici.

### C. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT U TA’ FATT.

Illi l-attrici fl-ewwel premessa taghha semmiet diversi **sub-artikoli ta’ l-artikolu 19 tal-Kap 255 cjoe’ l-artikolu 19(1)(b),(c),(d),(f) u (g).**

Illi gew prezentati diversi affidavits miz-zewg nahat. Illi l-attrici spjegat illi waqt it-tliet snin gherusija r-relazzjoni taghhom kienet tajba tant li kienu jaghmlu kollox flimkien. Kienu jahdmu flimkien ukoll. Hi xehdet li kienu tkellmu fuq tfal u ddecidew li ma jkollomx mill-ewwel ulied biex jilhqu jgawdu lil xulxin. Izda wara li zzewgu rrealizzat li hu ma riedx tfal u sa anki kellha tiehu l-*pill.*

Illi hija qalet li wara z-zwieg ddikjara li ried jistabilixxi ruhu fuq ix-xoghol. Hadu *promotions* it-tnejn pero' lilha qatt ma kien jaghtiha flus. Hi spiccat biddlet ix-xoghol ghax hu sar nervuz hafna maghha. Qalet li flushom dejjem separati u kienet hi li thallas il-maggior parti tal-affarijiet tal-hajja ta' kuljum. Il-hajja sesswali taghhom ma kenitx tajba ghall-kuntrarju tal-gherusija. Hija nsistiet li ghalih iz-zwieg ma kienx jigi l-ewwel ghax ma kienx hemm *commitment* min-naha tieghu. Lanqas kien idur biha meta kienet tkun ma tiflahx.

Illi f'April 2000 bdew *counselling* wara rezistenza min-naha tieghu. Lill-genituri tieghu qalilhom li hi ma rieditx tfal minhabba l-karriera. Hi qalet li mill-*counselling* hareg li hu ma riedx tfal u kien ghalhekk li zamm 'il boghod minnha sesswalment. Hi anki fittxet ghajnuna ta' qassis. Iddecidiet li ma setghetx tkompli tghix u meta kellmitu biex jaslu ghal separazzjoni hu ppropona tliet alternattivi fosthom li jibqghu flimkien imma hi ma fdatux.

Illi hija qalet li gimghatejn wara li marru ghand l-avukat hareg ma' tfajla ohra li kien laqqa' lill-attrici maghha f'xi Frar/Marzu 2000. F'Settembru 2000 sabitlu pakkett *contraceptives* fid-dar u kkonfrontatu. Huma qatt ma wzawhom. Hu nnega.

Illi oht l-attrici **Nadia Spiteri** xehdet li filwaqt li fl-gherusija kien ossessjonat bl-attrici, bil-kuntrarju meta zzewgu hu sar aktar rizervat u l-kuntatt kontinwu kien inqata' jew naqas hafna.

Illi **Bernard Fenech**, il-konvenut, ta' verzjoni kompletament differenti minn dak li tat l-attrici. Huwa qal li ltaqghu x-xoghol. Hija kienet tkun imdejqa hafna

minhabba r-relazzjoni li kellha ma' l-gharus taghha li kien pjuttost vjolenti u dominanti. *Inoltre* spjega li fil-familja taghha kien hemm storja twila ta' alkoholizmu u vjolenza. Missierha u ommha kienu jiggieldu spiss. Hu trabba f'ambjent differenti ghax dan kien ta' mhabba u rispett u kienu "*close"* u familja maghquda. Hija telqet lill-gharus u bdew johorgu flimkien. Huwa qal li qatt ma ddiskutew it-trobbija tat-tfal izda hu dejjem ha l-impressjoni li hi xtaqet li l-ewwel tkun stabbli fil-karriera qabel ma jkun hemm xi tfal fiz-zwieg.

Illi hu spjega li telqet mix-xoghol ghax kellha problemi fil-karriera u dawn bdew jaffettwaw il-karattru taghha. Huwa hass li bdiet tghir ghalih ghax ghamel progress fix-xoghol. Xoghol tad-dar ma kenitx taghmel wisq u kien jispicca jaghmel hu. Fiz-zwieg qatt ma kellhom diskussjonijiet dwar flus u kienet fuq l-insistenza taghha li kellhom kontijiet differenti mal-bank u kienet fuq l-insistenza taghha li ma jhalltux u jaqsmu l-paga.

Illi meta biddlet ix-xoghol kellha ghal darb'ohra problemi mas-*supervisor* taghha. Kienet iltaqghet ma' xi mpjegat iehor u kienet tmur tiekol mieghu waqt il-*lunch break*. Darba qaltlu li kienet iltaqghet mal-avukat tal-kumpanija u hadet grazzja mieghu ghax qalet li kien "*cool"* u *"attractive".*

Illi l-problemi tar-relazzjonijiet domestici komplew jikbru u skond hu minhabba n-nuqqas ta' progress fil-karriera taghha. Hi kienet tmur *"bowling*" darbtejn fil-gimgha filghaxija. Bdiet ukoll tmur *"night out"* kwazi kull gimgha mal-kollegi ta' l-ufficcju. B'hekk spicca tliet darbiet fil-gimgha wahdu jistenniha tigi. Huwa sostna li ma kenitx taghti kasu. Anzi skond huwa kienet hi li riedet is-separazzjoni u ghalkemm ghal bidu ma riedx f'Gunju 2000 accetta. Huwa cahad li kellu mara ohra.

Illi **Albert Fenech**, missier il-konvenut, qal illi meta l-attrici kienet tmur ghandhom hija kienet tinjora lil martu. It-tifel beda jaqta' minn maghhom.

Illi ommu, **Matilde Fenech**, innotat li wara li zzewgu l-karattru tat-tifel inbidel ghax sar nervuz u bla pacenzja. Hi kienet tinduna li kienu spiss miggieldin. Odette kienet tinjoraha. Qalet ukoll li l-attrici gieli bi kliemha ndikat li ma rieditx tfal.

Illi din il-Qorti mill-provi tirreferi fl-ewwel lok ghall-**artikolu 19(1)(d).** Dan ighid hekk:-

*"**Art.19(1)** : B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null :-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19(1)(d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Il-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Illi nfatti l-awtur ***Bersini*** **(Il Diritto Canonico Matrimoniale** [Torino, 1994] ) jispjega li :-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio; e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al monento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed*

*economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta' prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".*

Illi hu ghalhekk importanti li jkun hemm maturita' li tippermetti lill-persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga cjoe' li jkunu qed jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta' unjoni guridika, *"in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich,*** **P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** [Montreal,1993],p.686).

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti wara li rat il-provi kompletament opposti ghal xulxin ipprezentati mill-partijiet waslet ghall-konkluzjoni li kien il-kunsens taz-zewg nahat li kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. Dan ghaliex it-tnejn li huma jidher li ghexu hajja pjuttost indipendenti minn xulxin kemm mill-lat finanzjarju kif ukoll mill-lat ta' hajja generali. Irrizulta li komunikazzjoni bejniethom waqt iz-zwieg ma tantx kien hemm u ma tantx ippruvaw isolvu s-sitwazzjoni ta' bejniethom. Hu ovvju li ma kienux jafu ezattament is-sinifikat ta' x'inhu z-zwieg.

Illi tant huwa minnu dan li jidher li l-partijiet li waqt iz-zwieg kienu nteressati f'kollox barra fihom infushom, fejn jidher li l-karriera rispettiva ta' xulxin hadet is-sopravent fuq il-hajja konjugali taghhom, tant li t-tnejn jakkuzaw lil xulxin li kienu rispettivament aktar koncentrati fuq il-karriera, professjoni u xoghol taghhom, milli li jghixu hajja ta' mizzewgin, u jaqsmu l-hajja flimkien f'dak li huwa sabih fil-hajja u anke sfortunatament f'dak li huwa ikrah.

Illi tant jidher li l-istess partijiet kienu ffissati fuq ix-xoghol, u kollox kien sekondarju ghall-istess, li wahda mir-ragunijiet li l-konvenut ta ghaliex l-attrici bdiet taqta' r-relazzjoni mieghu, kienet li hija ghiret ghalih peress li huwa kien ha diversi promozzjonijiet fix-xoghol tieghu, u bhal speci hija baqghet fejn kienet. Illi jekk dan hux minnu din il-Qorti ma thossx li huwa relevanti; pero' huwa ta' mportanza massima dan l-argument u wkoll l-allegazzjoni vantata fil-konfront tal-attrici biex juri liema kienu l-prioritajiet tal-istess kontendenti fil-hajja mizzewga ta' bejniethom, li huma ferm differenti minn dawk l-elementi essenzjali li jikkostitwixxu l-istituzzjoni taz-zwieg.

Illi jidher ukoll li kemm qabel ma zzewgu u kemm wara li zzewgu l-konsiderazzjonijiet dwar prokrejazzjoni ta' ulied, il-partijiet lanqas biss iddiskutewha, hlief biss li qalu li fl-ewwel snin taz-zwieg ma riedux li jipprovaw biex ikollhom ulied. In verita' dak li jidher li gara huwa li l-istess partijiet, kull wiehed u wahda minnhom, sabuha komda sabiex jipposponu din id-decizjoni li jibdew familja, u dan ghaliex jidher car li fiz-zwieg taghhom dawn ippruvaw jaghmlu minn kollox sabiex jevitaw li jiehdu decizjoni dwar dan l-element essenzjali taz-zwieg, bil-konsegwenza li ghalkemm wasslu ghal decizjoni li *ghalissa ma jkollhomx tfal*, dan il-ftehim bejn il-partijiet baqa' konstanti, tant li s-sitwazzjoni baqghet l-istess sakemm isseparaw minn ma' xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fit-12 ta' Ottubru 2000.

Illi dan iwassal sabiex jista' jinghad ukoll li kien hemm eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi taz-zwieg, u dan ghaliex iz-zewg partijiet iddecidew kemm qabel u kemm wara z-zwieg, u dan ghat-tul kollu li l-istess konjugi baqghu flimkien, li huma ma kellux ikollhom tfal; id-decizjoni li huma jkollhom ulied giet eskluza qabel iz-zwieg, u waqt iz-zwieg qatt *in verita'* ma waslu sabiex ibiddlu fehmthom, anzi ghamlu minn kollox, inkluz li jwahhlu f'xulxin, sabiex tali decizjoni ma tittiehditx minnhom.

Illi hawn japplikaw il-provedimenti tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** fejn jinghad li z-zwieg ikun null:-

“**art.19 (1) (f)** *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”.*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit Nru 793/01/RCP).

Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null *stante* li jidher li l-kunsens taz-zewg kontendenti kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma kontra dak kollu fuq premess, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Settembru 1994 hu null u bla effett stante li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *ai termini* tal-**artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta' Ottubru 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**1 ta' Ottubru 2002.**